**Kunsill Lokali –L-ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Pubblika

**Laqgħa Numru 21**

**16 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 16 ta' Diċmbru 2025 fl-5:00 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Mario Gauci - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 21 għal-għaxar leġislatura

| | |
|---|---|
| **21.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma Kienx hemm |
| **21.2** | **Rapport Amministrattiv 2025** |
| 21.2.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv qrat ir-Rapport Amministrattiv 2025 li qiegħed mehemuż ma din il-minuta lill-kunsilliera kif ukoll lil pubbliku kemm dawk preżenti kif ukoll għall dawk online. |
| **21.3** | **Rapport Finanzjarju 2025** |
| 21.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan ir-rapport ser jitella' fil-laqgħa ta' Jannar 2026 għaliex il-finanzi jagħlqu sa l-aħħar ta' Diċembru 2025. |
| **21.04** | **Estimi Finanzjari (Budget 2026)** |
| 21.04.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat l-estimi finanzjari għas-sena 2026 sabiex il-pubbliku jkun infurmat kif il-kunsill qed jipjana li jqassam il-fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Graziella Gellel flimkien mas-sindku s-Sur Clive Pulis u l-accountant tal-kunsill is-Sa. Romina Perici Ferrante iddiskutew kif l-aħjar jitqassmu il-finanzi għas-sena 2026 u raw li l-fondi u l-allokazzjoni jintnefqu bil-għaqal kif imniżżel f'dan ir-rapport u jibqa ir-riserva għas-sena ta' wara. |
| **21.05** | **Kummenti mil-Pubbliku** |
| 21.05.01 | Is-Sinjura Boxman ikkumentat li l-ħinijiet għal-ftuħ tal-parkeġġ mhuwiex konvinjenti għar-residenti għaliex min jipparkja ġewwa Boiler Wharf irrid joħroġ mill-parkeġġ fis-6am u huwa kmieni wisq. Is-Sindku wieġeb li ser jerġa jidiskuti sabiex jistax jiżdied il-ħin. |
| 21.05.02 | Is-Sinjura Boxman ukoll ikkumentat li l-karrozzi qed jipparkjaw fuq il-bankina u saħansitra jipparkjaw fi Triq Sant Anġlu li jagħlqu it-triq. Is-Sindku wieġeb li ser jipproponi sabiex jaħtar sotto kumitat għal-maniġjar tat-traffiku sabiex ikunu jistgħu iwasslu rapport tal-ħtieġa u suġġerimenti x'jista jipproponu lil Transport Malta. |

| | |
|---|---|
| 21.05.03 | Is-Sinjura Boxman iddiskutiet li ma taqbilx ukoll ma dawk li għandhom mutur u jieħdu parkeġġ ta' karrozza u imbgħad min ikollu karrozza ukoll u joħroġ bil-karozza iħalli l-mutur minflokk il-karrozza biex kif jiġi jressaq il-mutur u jipparkja l-karrozza. Is-Sindku wieġeb li sfortunatament ma jista' jagħmel xejn għaliex bil-liġi il-mutur jista' jipparka f'parkeġġ ta' karrozza. |
| 21.05.04 | Is-Sindku spjega wkoll li fl-2017 kien hemm diskussjoni ma TM dwar it-triq ta' San Franġisk jekk tibqax tingħalaq jew le bejn is-7pm u is-6am u dan tħallha f'idejn il-kunsill ta' dak iż-żmien. Il-Kunsill kien ħa deċiżżjoni li ma jsir l-ebda parkeġġ f'din it-triq imsemmija u kien hemm ukoll tabella li min jipparkja jista jiġi immultat u tingħalaq bil-bollards b'digrit mil-qorti. Is-Sindku issuġġerixa li issir laqgħa dwar triq Sant Anġlu biex jintlaqgħu il-kummenti tan-nies. |
| 21.05.05 | Is-Sinjura Boxman żiedet tgħid li meta kienet niżlet l-għassa għaliex kienu ipparkjati fuq il-bankina qalet li kienu qalulha li s-sindku hekk irrid iżda dan mhux minnu u għalhekk is-sindku staqsiha min kien il-puluzija li qallha hekk u is-Sa. Boxman qaltlu li ma ħaditx in-numru tal-puluzija. |
| 21.05.06 | Is-Sindku spjega wkoll li meta ġie inawgurat Boiler Wharf sabiex jiġi użat mill-pubbliku dik il-ġimgħa kien hemm ukoll il-boat show u il-parkeġġ tal-AUM ingħalaq għall-boat show, iżda wara li għaddiet il-boat show il-parkeġġ ta l-AUM ingħalaq u tħallha biss il-passaġġ minn fejn wieħed jimxi. Dan il-parkeġġ huwa għal-użu tal-AUM fejn kien għadda dirett mill-parlament għalhekk il-kunsill tal-Isla kien għamel laqgħa b'urġenza fil-5 t' Awissu dwar dan il-parkeġġ iżda ma kien attenda ħadd. |
| 21.05.07 | Is-Sa. Louise Critchley ġibdet l-attenzjoni sabiex il-kunsill joqgħod aktar attent fiż-żona ta' quddiem il-Gardjola fejn qed joħorġu il-boroż tal-iskart mhux fil-ġurnata li suppost u wara l-ħin li jkun għadda tal-ġabra tal-iskart domestiku. Is-Sa xtaqgħet li jekk tistax tieħu ritratt ta' min ikun sabiex dan li jkun jiġi imultat. Is-Sindku spjega li min jieħu ir-ritratt irrid jitla xhud sabiex jiġi imħarrek. Is-sinkdu spjega lil din is-sinjura li jekk trid tkellmu wara l-laqgħa u tispjegalu min hi, din tista tagħmel dan u s-sindku jitkellem ma min qed joħroġ dan l-iskart |

| | |
|---|---|
| | personalment. Iżda din is-Sinjura ma tafx f' liema bieb toqgħod għalhekk is-Segretarju qalet li jistgħu jintbgħatu ċirkulari ta' kif jinħareġ dan l-iskart f'din il-blokka. Is-Segretarju Eżekuttiv qablet ukoll mas-Sa Boxman li min jikri dawn l-appartamenti lil barranin iżżomulhom depożitu biex jekk joħorġu l-iskart mhux kif suppost il-multa titħallas minn dan id-depożitu. |
| 21.05.08 | Is-Sa Louise Critchley staqsiet ukoll għaliex ġewwa l-Isla ma hawnx parkeġġ għar-residenti. Is-Sindku irrisponda li din l-iskema waqfgħet fl-2013 u min għandu jista' jibqa' juża iżda min m'għandux ma jistgħax jerġa japplika. Il-viċi sindku ikkonferma wkoll dak li qal is-sindku li l-kunsill kien applika sabiex ikun hemm tlett siegħat ix-xatt li jidħlu biss residenti tal-Isla, iżda meta ħarġet din iċ-ċirkulari l-kunsill kien applika iżda ma kellniex risposta dwar dan. Is-Sindku ser jerġa jara fejn waslet din l-applikazzjoni. |
| **21.06** | **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 21.06.01 | Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera u s-segretarju eżekuttiv irringrazzjaw ir-residenti talli attendew din il-laqgħa u awgurawlhom il-festi t-tajba u s-sena tajba u ħeġġuhom li jekk ikollhom aktar suġġerimenti u ilmenti il-bieb tal-kunsill u t-telefonati huma dejjem miftuħa għall-pubbliku fil-ħinijiet tal-uffiċċju. Laqgħa intemmet fis-6.30pm u wara tkompliet il-laqgħa tal-kunsill nru 22 għas-sena 2026 għal-għaxar leġislatura. |

Konfermati, illum 22 ta' Jannar 2026

IFFIRMATA_____
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA_______
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv